# Il-Filarmonika Nazzjonali La Valette u r-rabta tagħha ma' San Pawl

*Saviour Cutajar*

San Pawl u l-Banda La Valette min jifridhom? Xejn u ħadd. Il-milja taż-żmien uriet li dak li żera' is-Sur Pawlu Darmanin fid-19 t'Ottubru, 1874 flimkien ma' grupp ta' sitta u tletin żagħżugħ belti, ilkoll ispirati minn imħabba u devozzjoni lejn San Pawl, kellu jrabbi għeruq sodi sabiex fl-10 ta' Diċembru tal-istess sena ilkoll jintrabtu f'kuntratt quddiem in-Nutar Dr Giovanni Pullicino li jiffurmaw Società ta' Banda Mużikali taħt il-bakketta tas-Surmast Luigi Carabott. Din il-Banda ġiet imsemmija għall-Granmastru La Valette mill-President tagħha n-Nobbli Ramiro Barbaro filwaqt li San Pawl inħatar il-qaddis patrun tagħha. Hekk bdiet rabta indissolubbli bejn is-Società u l-Kolleġġjata ta' San Pawl fl-istess Belt. Mal-medda tas-snin, is-Società qatt ma ċaħdet ix-xewqa tal-fundaturi tagħha li tkun protagonista ewlenija fiċ-ċelebrazzjonijiet Nazzjonali tal-10 ta' Frar, il-jum imqaddes tan-Nawfraġju tal-Appostlu Pawlu max-xtajta Maltija. Min-naħa tagħha, il-Kolleġġjata kienet dejjem kenn naturali għas-Società tant li fiha dejjem saru ċ-ċeremonji reliġjużi marbuta mal-ħajja tagħha. Min-naħa l-oħra, sal-ġurnata tal-lum, id-diretturi tas-Società jiġu maħtura minn fost il-Kanonċi tal-Kolleġġjata. Il-partitarji tal-Banda dejjem offrew kull għajnuna u donazzjonijiet lill-Kolleġġjata, tanġibbli fosthom il-par brazzi tal-fidda bl-arma tas-Società li jiġu armati fi żmien il-festa mal-pilastri maġġuri tal-presbiterju. Naraw ukoll illi l-Kapitlu ssiġilla din ir-rabta kemm-il darba b'donazzjonijiet, trofej u riġali lill-Banda.

Il-ħajja tas-Società xxebilket sa mill-bidu mal-andament tal-Parroċċa Pawlina tant li sa mill-1878 kważi dejjem ħadet sehem jew akkumpanjat il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ kull sena mill-knisja ta› Ġieżu. Kien f'Mejju tal-1878 li waqt kunċert fit-Teatru Manoel, il-Banda La Valette daqqet innu f'ġieħ San Pawl kompożizzjoni tas-Surmast Direttur Emmanuele Bartoli fil-preżenza tad-Duka ta' Edinburgu u l-Gvernatur Van Straubenzee. Mal-bidu tas-seklu għoxrin, naraw li s-surmast direttur ta' dak iż-żmien, l-Isqalli Gregorio Lucia kkompona il-Marcia 10 Febbraio li ndaqq fit-Teatru Rjal fil-15 ta' Mejju, 1901. Fl-istess epoka, fil-parroċċa Pawlina kienet teżisti l-Għaqda Figli di San Paolo. Din kienet taħdem id f'id mal-Banda La Valette. Xhieda ta' dan, fil-festa tan-Nawfraġju tal-1912, l-għaqda ppreżentat standard tal-Papa lill-istess Banda u li ġie mbierek mill-isqof Pietru Pace fost briju kbir wara l-Pontifikal



*Pittura tan-Nawfraġju ta' San Pawl li tinsab fis-Sede tas-Società ta' Pawlu Camilleri Cauchi*








Come Visit Us
Triq iċ-Ċiklamini, San Gwann
(Next to Lidl)

5 BEANS

## COMING SOON TO VALLETTA

solenni. Kien għall-festa tan-Nawfraġju tal-1913 li l-Banda kisbet innu lil San Pawl miktub mis-Surmast tagħha Giuseppe Vitaliti. Dan l-innu żżanżan bis-sehem ta' kantanti mit-Teatru Rjal u kor kbir ta' sittin tifel. Fost sensiela ta' gari li pparteċipat fihom il-Banda u fejn saħansitra rebħet kemm-il darba it-titolu ta' eċċellenza, insemmu dak ta' Como fejn il-Pawlini bħala apprezzament offrew targa tal-fidda bil-figura ta' San Pawl.

Maż-żmien, ir-rabta bejn San Pawl u l-Banda La Valette ġiet ukoll issiġillata mis-surmast direttur tagħha Cardenio Botti illi kiteb l-innijiet immortali ad unur l-istess qaddis. Il-parteċipazzjoni fil-festi Ċentinarji tas-sena 1960, dawk tas-Sena Pawlina fl-2008-9, l-1,950 sena min-Nawfraġju fl-2010 u l-elf disa' mija u ħamsin sena mill-Martirju tal-Appostlu fl-2017 komplew taw xhieda li s-Società Filarmonika Nazzjonali La Valette hi n-nifs li jagħti l-ħajja lill-kult Pawlin fil-Kolleġġjata tal-Kapitali.



*Il-Banda La Valette waqt iċ-Ċelebrazzjoni fil-Festa ta' San Pawl fl-2022*